# WAĦDA BISS...

*Lil-Rużar Briffa, poeta.*

Elf wieħed kien ġarrab il-ħlewwa
ta' kelmtu, elf wieħed
kien miegħu
meta l-qawwa ta' driegħu
fejqet kull xorta ta' mard:
elf wieħed
kien xejjer il-friegħi tal-palm,
u għanna, ferrieħi bħal salm:
"Hosanna lill-Iben ta' David!"

Meta Għira miġnuna
lit-Twajjeb li għallem li ħafer
bidlitu ma' midneb qattiel,
u għajjritu,
ħaqritu,
sammritu fuq l-eħrex salib,
ħadd minnhom—mill-elf illi fiequ,
ħadd minnhom—mill-elf illi għajtu
"Hosanna!" ma daħal għalih,
ma għenu, ma sabbru, ma ħjieħ,
ma tala' fuq l-għolja tal-waħx.

Waħda biss,
waħda
li kienet il-mara tad-dnub,
li ħabbet, li xegħret, li nħafret,
wensitu lil dak il-Mislub
sa l-aħħar, sat-tmiem
u f'niket bla kliem,
imgħannqa mal-għuda mifdija,
fuq ir-riġlejn tal-Mejjet
aktar mill-balzmu jfuħ
xerdet qalbha fi dmugħ.

**Dun Karm**

# IL-MALTI U L-GĦARBI TAL-PALESTINA

Minn liema lsien huwa mnissel il-malti?

Għal din il-mistoqsija, dawk li jafu jew jidhirlhom li jafu xi ħaġa fuq l-ilsna, ma jaqblux bejniethom fit-tweġiba li jatu. Min jgħid li l-malti nisel il-lhudi; min igħid li hu feniċ; min għarbi ta' Tunes, min għarbi ta' Libnan. Jista' jkun ukoll li xi ħadd jgħid li hu għarbi masri jew xi lsien ieħor, għalkemm lili, billi m'jeniex f'Malta ma laħaqx wasalli f'widnejja.

Jien hawnhekk, ma rridx nindaħal fejn ma jesagħnix billi ngħid kif inħossha fuq nisel il-malti, għax ma nqishiex ħaġa tiegħi li bit-teftufiet tal-għarbi li għandi mmur niż-żattat ħdejn irġiel li għomorhom u żmienhom iqallbu l-kotba. B'dana kollu, il-għaxar snin li ili ngħix fost il-għarab, naħseb li huma biż-żejjed biex nista' nagħraf il-laqxa t-tajba mill-ħażina biex innewwilha lill-bennejja ħalli jirfdu l-imramma tagħhom.

Irrid kieku nqabbel il-malti mal-għarbi tal-Palestina u m'hux ma' ieħor, għax iż-żmien kollu li ili barra minn Malta, għaddejtu fil-Palestina, aktarx f'Ġerusalemm jew ma' dwarha. Tas-sew li n-nies ta' hawnhekk ma jitħaddtux kollha bħal xulxin; minn belt għal belt, minn raħal għal raħal, hemm dejjem xi kliem li ftit jew wisq jitbiegħed mill-ieħor (1). Imma billi, kif għidt, jien aktarx kont dejjem f'Ġerusalemm jew ma' dwarha, fejn jiġu nies minn kull imkien, il-lsien li nisma' jitħaddtu bih, huwa bħala l-ġemgħa tal-ilsna kollha li jitħaddtu bihom f'kull naħa tal-Palestina.

Biex naqtgħu fil-qasir, immorru mill-ewwel fil-qalba, u nġibu ġemgħa ta' kliem midmum, ħalli kull min jaqra jista' jara x-xebħ li hemm bejn il-għarbi u l-malti. Hawn hu: min jitkellem huwa missier li jgħallem lil ibnu jagħlef u jisqi l-baqra.

1. Tagħal ja Tannus, u għalef il-baqra.

2. Ħott magħ t-tibn tlaet ħafnaet kirsennae.

3. Qarreb, ja ebni, u la tħafx minnhae, ħijae ħedjae u ma tintaħx.

4. Eklet il-għatf. Jilżem al'an tisqiħae maj mn'il-għajn.